# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-KANDIDATI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Oral | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 20 | 4 | 8 | 30 | 20 | 10 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:***

## L-Arkitettura Kontemporanja



B'arkitettura kontemporanja nifhmu l-arkitettura ta' żminijietna. Din ukoll tifforma parti mill-wirt mibni tal-gżejjer Maltin. Iżda biex jifhem il-kuntest ta' din l-arkitettura, wieħed irid jaċċenna għall-iżvilupp li sar f'Malta u Għawdex minn wara l-indipendenza ta' l-1964 'il hawn. *(par. 1)*

Meta Malta kisbet l-indipendenza mill-Ingilterra, kien ifisser li issa Malta saret stat ġdid u issa ma kinitx ser tibqa' aktar kolonja-fortizza bħal qabel; issa kellha taqdef għal rasha biex tiżviluppa politikament, ekonomikament, u soċjalment. Għalhekk beda jsir investiment infrastrutturali qawwi bil-ftuħ ta' fabbriki, sptarijiet, ajruport, lukandi, skejjel, ċinema, kumplessi sportivi u kummerċjali, ċentri ċiviċi, toroq u żoni residenzjali ġodda bil-ħsieb ukoll li dawn il-ġżejjer isiru wkoll destinazzjoni turistika importanti fiċ-ċentru tal-Mediterran. Dan għalhekk wassal biex ħafna Maltin isibu diversita` ta' impjiegi u jonqos xi ftit il-qgħad li bih kienu kkaratterizzati l-gżejjer Maltin fis-snin ħamsin. *(par. 2)*

Dan kollu ġab żvilupp kbir f'pajjiżna. L-iżvilupp kien tant kbir li nistgħu ngħidu li l-irħula Maltin tilfu ħafna mill-karatteristiċi tradizzjonali tagħhom, speċjalment dak is-sens ta' indipendenza li kellhom wieħed mill-ieħor. Tant żdiedu djar, appartamenti u toroq ġodda li llum ċerti villaġġi saru jikkonfinaw ma' xulxin, bħal, per eżempju, Ħal Lija, Ħal Balzan u Ħ'Attard, u Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi u s-Siġġiewi. *(par. 3)*

Matul dan il-perijodu ttella' bini ġdid f'ħafna partijiet tal-ġżejjer Maltin; vilel, djar, appartmenti u oħrajn. L-istil tal-bini ta' llum huwa aktar konvenzjonali, fis-sens li huwa mibni biex jaqdi l-bżonnijiet tal-bniedem aktar milli biex isebbaħ arkitettonikament. Bħala eżempju, f'Tas-Sliema, ħafna mid-djar sbieħ ta' l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin li kien hemm quddiem il-baħar spiċċaw twaqqgħu biex minflokhom jittellgħu blokok ta' appartamenti moderni, lussużi u komdi ħafna bi stil li m'għandu x'jaqsam xejn ma' dak ta' Tas-Sliema ta' żminijiet oħra. *(par. 4)*

L-introduzzjoni tal-konkrit fl-industrija tal-bini bħala sostitut għall-ġebla tal-franka, flimkien ma' makkinarju tal-bini aktar modern, wasslu biex illum il-bini jitla' f'iqsar żmien. Mill-banda l-oħra, in-nuqqas ta' art disponibbli għall-bini wassal biex f'Malta u Għawdex jibdew jittellgħu appartamenti fuq diversi sulari biex jakkomodaw aktar familji u tinħela anqas art. Dan l-iżvilupp wassal biex il-valur ta' l-art sar għoli ħafna. *(par. 5)*

(addattament minn *Il-Wirt Arkitettoniku tal-Gżejjer Maltin* ta' George A. Said Zammit)

| A. FEHIM IT-TEST | *(8 marki)* |
|---|---|

1. Kif inhi magħrufa l-arkitettura ta' żmienna? *(par. 1)*

________________________________________________________ **(marka)**

2. Agħti raġuni waħda għala Malta ħtiġilha tagħmel investiment qawwi. *(par. 2)*

______________________________________________________________

________________________________________________________ **(marka)**

3. Semmi effett pożittiv li ġabet magħha din l-infrastruttura. *(par. 2)*

________________________________________________________ **(marka)**

4. X'ried ifisser l-awtur meta qal li l-irħula tilfu s-sens ta' indipendenza? *(par. 3)*

______________________________________________________________

_______________________________________________________ **(2 marki)**

5. X'nifhmu meta ngħidu li l-bini ta' llum *huwa aktar konvenzjonali*? *(par. 4)*

________________________________________________________ **(marka)**

6. X'għen l-industrija tal-bini biex tħaffef fix-xogħol tagħha? *(par. 5)*

________________________________________________________ **(marka)**

7. Semmi riżultat negattiv ta' dan l-iżvilupp kollu. *(par. 5)*

________________________________________________________ **(marka)**

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | *(20 marka)* |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Wieġeb kif mitlub/a: **(5 marki)**

| | |
|---|---|
| i. aġġettiv minn *arkitettura* | i. |
| ii. nom ieħor minn *kolonja* | ii. |
| iii. parteċipju passiv minn *nifhmu* | iii. |
| iv. nom mimmat minn *ġab* | iv. |
| v. verb minn *ċentru* | v. |

2. Sib u ikteb: **(4 marki)**

i. nom bil-pronom possessiv mehmuż minn paragrafu 1 ___________________

ii. avverbju taż-żmien minn paragrafu 2 ________________________________

iii. verb irregolari minn paragrafu 2 ____________________________________

iv. verb tat-8 forma minn paragrafu 3 ___________________________________

3. ***Żdiedu ħafna djar***. Ikteb din is-sentenza fin-negattiv :

*ma*__________________________________________ **(marka)**

## LESSIKU / VOKABULARJU

4. Ibdel il-kliem miktub korsiv b'ieħor li jfisser l-istess: Ċerti *villaġġi* saru *jikkonfinaw* ma' xulxin.

Ċerti ___________ saru_______________ ma' xulxin. **(marka)**

5. Liema kelma minn paragrafu 2 nassoċjawha man-negozju, xiri u bejgħ ta'

merkanzija? ____________________ **(marka)**

6. *Malta saret stat ġdid*. Ikteb sentenza bil-kelma *stat* b'mod li toħroġ tifsira

differenti:_______________________________________________________

________________________________________________________ **(marka)**

## ANALIŻI TESTWALI

7. ***Minflokhom*** (par.4) hi msawra mill-kelmiet_____________________ **(marka)**

8. ***Dan*** *għalhekk wassal biex ħafna Maltin isibu diversita` ta' impjiegi. (par. 2)*

Għal xiex qed jirreferi l-pronom ***Dan***? _________________________ **(marka)**

9. Għaliex taħseb li l-awtur jirrepeti l-kelma ***issa*** fil-bidu tat-tieni paragrafu?

________________________________________________________ **(marka)**

**SINTASSI**

10. *L-introduzzjoni tal-konkrit fl-industrija tal-bini bħala sostitut għall-ġebla tal-franka, flimkien ma' makkinarju tal-bini aktar modern, wasslu biex illum il-bini jitla' f'iqsar żmien.* Ikteb din is-sentenza b'mod ieħor mingħajr ma tibdel is-sens tagħha.

________________________________________________________

________________________________________________________

__________________________________________________ **(2 marki)**

11. Imla l-vojt billi żżid xi frażi jew klawsola:

*Ħafna binjiet*____________________________*telgħu fejn qabel kien hemm*

*kampanja miftuħa*________________________________________ **(2 marki)**

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI *(4 marki)*

**IDJOMI, QWIEL, VERBI FRAŻJALI ....**

1. *bil-ħsieb (par. 2)* tfisser *bil-għan.* Poġġi verb quddiem il-kelma *ħsieb* biex toħloq idjoma, u ikteb sentenza biha b'mod li toħroġ it-tifsira.

______________________________________________________ **(2 marki)**

2. *L-art saret għalja ħafna ħafna.* Ikteb idjoma flok is-superlattiv *ħafna ħafna*.

*L-art saret* ________________________________________________ **(2 marki)**

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV *(8 marki)*

Agħżel **WAĦDA** minn ***a*** u ***b*** u ikteb madwar 80 kelma fuq karta separata:

a) L-għaqda taż-żgħażagħ *Ħsiebna f'Malta* ser tagħmel laqgħa ta' diskussjoni dwar il-preservazzjoni ta' Ħal Muxi fejn sar ukoll xi żvilupp. Ikteb 8 punti dwar aspetti li jidhru jistonaw u jkerrhu ċ-ċentru qadim u storiku ta' dan ir-raħal.

b) L-aġenzija *Maltaprop* teħtieġ ħaddiema tas-sengħa, skrivani, u oħrajn biex jagħmluha ta' aġenti fil-bejgħ u x-xiri ta' propjeta`. Ikteb applikazzjoni għal xi xogħol minn dawn. Indirizza l-ittra lill-*Personnel Manager, 16, Triq il-Ballottra, Ħal Muxi, Malta.*

## E. LETTERATURA: QAWSALLA *(30 marka)*

### (i) Aqra din is-silta minn *Il-Vapur ta' l-Art* ta' Kilin, u wieġeb:



Tlaqna kmieni, hi bl-aħjar għonnella tal-ħarir u l-libsa bid-disinni tal-lewlu iswed u ġirakoll tad-deheb, u jien bl-ilbies ta' nhar ta' Ħadd.

Inżilna minn ħdejn il-barrakka tat-tiġrija għall-istazzjon. Wara tieqa żgħira fil-ħajt, bilkemm jidher geddumu, kien hemm wieħed ibigħ il-biljetti. Ħdejn il-linja qgħadna nistennew il-vapur jiġi lura mill-Imtarfa. L-istazzjon qiegħed f'ħofra bejn ħitan għoljin. Mal-blat tal-faċċata jċarċar dejjem ilma u jinġema' f'għadajjar ħdejn il-linja, fost ħafna ħaxix ħażin u qasab. In-naħa tagħna hawn kamra kbira bil-bankijiet, imbajda b'ġir isfar maħmuġ, u b'arloġġ tond fil-għoli, fejn il-passiġġieri jistgħu jistennew. Imma ħadd ma joqgħod f'din il-kamra għax in-nies iħobbu jistennew u jippassiġġaw ħdejn il-linja.

Jien ukoll ridt nara kif joħroġ il-vapur mill-mina. Dik il-mina sewda faħma nistħajjilha l-bokka ta' l-infern li jħobb isemmi Patri Ġużepp fil-priedki. Il-ħadid tal-linja beda bħal jirtogħod, u smajt fil-bogħod bħal ragħda kemm kemm tinstema'. In-nies qamu bilwieqfa. Għal għarrieda, il-vapur ħareġ mill-mina b'tisfira qawwija u ħafna fwar abjad. Lis-sewwieq kiltu bil-ħars. Meta nikber hekk irrid inkun, sewwieq tal-vapur ta' l-art.

Il-vagun kien tista' tgħid battal, u dritt tlajt għarkobbtejja quddiem tieqa. Il-vapur beda jonfoħ, jokrob u jitqanżaħ u tħarrek bil-mod. Il-gwardjan li kien wieqaf quddiemna deher sejjer lura, u l-istazzjon ukoll, u f'kemm trodd salib konna bejn il-qasab tal-wied, u barra fl-għelieqi, kollha qasbija tal-qamħ. F'għalqa kienu qed jidirsu bil-baqra u l-ħmar. Waqfu ħin wieħed iħarsu sakemm għaddejna, imma x-xiħ li kien iderri ma waqafx, u wara li l-qiegħa kienet għabet wara l-bajtar tax-xewk, bqajt nara l-midra tielgħa u nieżla u tħalli fl-arja sħaba żgħira tad-deheb li tgħib bħal fwar.

1. Min kienet ***hi*** li tissemma fl-ewwel vers tas-silta?

____________________________________________________ **(marka)**

2. Fejn kienu sejrin ***hi*** u l-awtur, u għaliex?

____________________________________________________ **(marka)**

3. Din il-proża hija: a) riflessiva u argumentattiva ☐; b) riflessiva u filosofika ☐; ċ) narrattiva u deskrittiva ☐; d) narrattiva u argumentattiva ☐. **(marka)**

4. Mis-silta, sib u ikteb: a) personifikazzjoni______________________________

b) metafora ___________________________________

ċ) onomatopea_________________________ **(3 marki)**

5. X'hemm fis-silta li jurina li din il-ħarġa kienet okkażjoni speċjali? Ikteb żewġ eżempji.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

________________________________________________________ **(2 marki)**

6. Barra mill-ferrovija, semmi tliet oġġetti / aspetti fis-silta li jeħduna lura lejn Malta ta' l-imgħoddi.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

________________________________________________________ **(3 marki)**

7. Ikteb fi kliemek it-tifkiriet ewlenin li, skond is-silta ta' fuq, l-awtur għandu ta' din l-esperjenza sabiħa.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

________________________________________________________ **(3 marki)**

**(ii) Wieġeb mistoqsija *WAĦDA* u ikteb f'għamla ta' komponiment ta' madwar 200 kelma fuq karta separata:** ***(16-il marka)***

a) F'**Qawsalla** niltaqgħu ma' karattri differenti. Billi tirreferi għal xi xogħlijiet bit-tema *Karattri*, ikkummenta dwar xi karattri li ġibdulek l-attenzjoni.

b) F'ħajtu, il-bniedem iġarrab esperjenzi sbieħ u koroh. Ikkummenta billi tirreferi għal xi kitbiet f'**Qawsalla** bit-tema *Tifkiriet.*

ċ) Tul l-istorja, missirijietna għaddew minn tiġrib li flimkien mas-sagrifiċċji li wettqu għenu biex tissawwar l-identita` Maltija. Ikkummenta b'referenza għal xi kitbiet f'**Qawsalla** bit-tema *Ġrajja u Identita`*.

## F. KOMPONIMENT *(20 marka)*

Agħżel **wieħed** u ikteb daqs **350 kelma** fuq karta separata:

i. Ir-raħal Malti qed jinbidel: għall-aħjar jew għall-agħar?

ii. Ħallejna d-dar bi ġnien magħha, u morna noqogħdu f'appartament.

iii. Kwadri mir-raħal Malti.

iv. X'jolqotni fl-arkitettura qadima u f'dik kontemporanja.

v. Erġajt żort il-beraħ tal-kampanja fejn tifel/tifla żgħir/a kont niġġerra u nilgħab ma' sħabi. Illum tela' ħafna bini. Imma kemm tifkiriet ġeddidt!

vi. Fejn tagħżel li tgħix, f'raħal qadim u sielem jew f'belt moderna?

vii. F'tarf ir-raħal, hemm maħsuba żona residenzjali bi blokok ta' appartamenti, ħwienet, ċentru ċiviku, knisja eċċ. Ikteb argumenti favur u kontra dan il-proġett.